MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1471/2003

**Joe Cordina ezercenti l-kummerc bl-isem
"Joe's Garage Auto Repair Ltd."**

**vs**

**Alfred Cachia u b'digriet tat-Tribunal ta'l-10 ta' Ottubru 2003, giet ordnata l-korrezzjoni fis-sens illi l-kunjom tal-konvenut ghandu jinqara bhala Fenech u mhux Cachia.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Lulju, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' mija u tmien liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm108.55) rappresentanti ammont dovuta mill-konvenut lill-attur in rigward ta' xoghol li sar u merce lilu mibjugha u ikkonsenjata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra bonarja datata 5 ta' Mejju 2003 u bl-imghax legali mid-data meta kellu isir il-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Ra d-digriet ta'l-10 ta' Ottubru 2003 li permezz tieghu giet awtorizzata l-korrezzjoni fil-kunjom tal-konvenut li ghandu jinqara bhala Fenech minflok Cachia.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta'l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment bl-avviz kif korrett, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' mija u tmien liri Maltin u hamsa u hamsin centezum (Lm108.55), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------